**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tnejn 30 ta` Jannar 2017**

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 1877/2016 JZM fl-ismijiet :**

**Airmode Limited (C-44525)**

***kontra***

**Malta International Airport plc (C-12663)**

***u***

**Carmel Micallef (ID 568951M) Ramon Pace (ID 396573M) u Joseph Vella (ID 277358M) f`isimhom proprio u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Paceton Limited (C-37455)**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Ir-rikorrenti ("**Airmode**") ipprezentat rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("**il-Mandat**") fil-21 ta` Dicembru 2016.

Mar-rikors, kienu prezentati dokumenti.

Fil-21 ta` Dicembru 2016, il-Qorti tat digriet fejn, wara li laqghet provizorjament it-talba ghall-hrug tal-Mandat, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimata, tatha ghaxart (10) ijiem zmien biex twiegeb bil-miktub, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghat-3 ta` Jannar 2017 fid-9.30 a.m.

L-intimata Malta International Airport plc ("**MIA**") kienet notifikata fil-21 ta` Dicembru 2016 u pprezentat risposta fis-27 ta` Dicembru 2016.

Mar-risposta kienu prezentati dokumenti.

L-intimati l-ohra taw ruhhom b`notifikati fl-udjenza tat-3 ta` Jannar 2017, ghalkemm ir-risposta taghhom kienet ipprezentata fid-29 ta` Dicembru 2016.

Ir-rikors kien trattat fl-udjenza tat-3 ta` Jannar 2017.

Wara li saru sottomissjonijiet, ir-rikors thalla ghal provvediment kamerali.

Dan huwa l-provvediment.

## II. It-talba

Ghar-ragunijiet li kienu specifikati fir-rikors, ir-rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex tordna l-hrug ta` l-Mandat sabiex izzomm lill-intimati milli :-

***jaghmlu kwalsijasi installazzjoni, alterazzjoni, tibdil, xoghol ta` kwalsijasi natura jew altrimenti kwalsijasi att spoljattiv a dannu tas-socjeta` rikorrenti fil-fond ossia hanut maghruf bhala Hugo Boss sitwat fl-ajruport internazzjonali ta` Malta, Hal-Luqa inkluz ukoll kwalsijasi installazjoni, xoghol, alterazzjoni jew tibdil mal-faccata ossia partijiet esterni tal-istess hanut.***

## III. <u>Il-posizzjoni tal-intimati</u>

L-intimati cahdu illi r-rikorrenti ghandha jedd li titlob il-hrug tal-Mandat ghar-ragunijiet li kienu specifikati fir-risposti rispettivi taghhom.

## IV. <u>Il-kwistjoni</u>

<u>**Sintetikament**</u> ir-rikorrenti tilmenta li mal-faccata ta` barra tal-hanut, li kriet minghand l-intimata MIA, tpoggiet struttura tal-metall, minghajr il-kunsens taghha, liema struttura ghadha fil-post. Ir-rikorrenti ma tridx illi fil-futur ma` kull fejn huwa mikri lilha, isir xi haga ohra ghad-dannu taghha skont id-drittijiet li kisbet bil-kuntratt tal-kiri taghha. Min-naha taghhom, l-intimati jirrespingu din il-pretensjoni.

## V. <u>Dritt</u>

Id-disposizzjoni li tirregola procediment tax-xorta tal-lum hija l-<u>**Art 873 tal-Kap 12**</u>. L-artikolu huwa kompost minn erba` subincizi. Dawk rilevanti ghall-kaz tal-lum huma l-ewwel tnejn. Ighidu hekk :-

*(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Minn analizi tas-subincizi (1) u (2) tal-Art 873 tal-Kap 12, wiehed isib illi l-Qorti hija prekluza ("<u>***m`ghandhiex***</u>") milli tordna l-hrug tal-Mandat, <u>sakemm</u> ma jirrikorrux dawn ir-rekwiziti :-

i) Illi l-Mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti ;
ii) Illi jidher sal-livell ta` *prima facie* li r-rikorrenti ghandha dawk il-jeddijiet ;
iii) Illi bil-fatt illi ma jkunx ordnat il-hrug tal-Mandat, il-pregudizzju li garrab ir-rikorrenti jkun irrimedjabbli.

## VI. **<u>Gurisprudenza</u>**

Il-Qorti sejra taghmel riferenza ghal principji li hargu mill-gurisprudenza tal-qrati taghna dwar kif ghandhom jitqiesu r-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat :-

1) Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, fis-sentenza taghha tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawza **<u>Grech pro et noe vs Manfre`</u>** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

2) L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi **<u>mhux</u>** alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti **<u>hija obbligata</u>** tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat.

3) Il-procedura tal-Mandat hija eccezzjonali u straordinarja ("**<u>Xuereb</u>** **<u>noe vs Hili noe</u>**" : Qorti tal-Kummerc : 22 ta` Settembru 1994).

4) Il-procedura tal-lum hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Huwa propju ghalhekk li l-ligi stabbiliet zminijiet qosra u precizi li fihom it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat ghandha jew tintlaqa` jew tigi michuda. Mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti, fi procediment bhal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Dan ifisser illi l-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta` l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud, allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista` jew m`ghandu jippretendi li bil-metodu sommarju ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni. Il-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

## VII. **<u>Risultanzi</u>**

**1) <u>Il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti</u>**

Il-Qorti tirreferi ghad-dokumenti esebiti. Tirreferi in partikolari ghall-kuntratt tal-kirja bejn Airmode u MIA (Dok A a fol 2 sa 31) ; ghar-ritratt Dok B (fol 32) esebit mir-rikorrenti ; ghall-email Dok F (fol 36) ; u r-ritratt Dok B (a fol 50) esebit minn MIA.

Mhux kontestat illi Airmode tikri minghand MIA l-hanut Hugo Boss li jinsab fit-terminal tal-Ajruport Internazzjonali ta` Malta.

Lanqas ma huwa kontestat illi l-intimati l-ohra (hlief ghal MIA) jikru minghand MIA l-ambjenti li hemm fuq ix-xellug ta` barra tal-hanut Hugo Boss (meta thares mill-faccata) u li jidhru fir-ritratti a fol 50 u 51 tal-process.

Daqstant iehor mhux kontestat illi l-istruttura tal-metall fuq riferita hija tal-intimati l-ohra (hlief ghal MIA) u tqeghdet fejn tidher fir-ritratti esebiti mir-rikorrenti mill-istess intimati bl-akkwiexxenza ta` MIA.

Lanqas ma huwa kontestat illi fejn tidher imwahhla l-"*brand*" *BOSS Hugo Boss* fir-ritratti a fol 50 u 51 huwa l-hajt estern tal-hanut mikri lil Airmode u li s-siggijiet li hemm taht il-"*brand*" huma tal-ambjenti mikrija lill-imsemmija intimati minn MIA.

Fl-ahhar nett, lanqas ma jidher kontestat illi l-"*brand*" fuq riferita twahhlet mal-istess hajt estern qabel MIA tat b`lokazzjoni lill-intimati l-ambjenti li jidhru fir-ritratti a fol 50 u 51.

Dan premess, il-Qorti tirrileva illi mhijiex sejra tidhol fl-aspett tal-kwistjoni bejn il-partijiet li tirrigwarda l-istruttura tal-metall ladarba din diga` kienet fil-post qabel il-presentata tar-rikors odjern. Jekk Airmode jidhrilha illi l-jeddijiet taghha kienu vjolati bit-tqeghid tal-istruttura allura tista` tipprocedi kif jidhrilha l-ahjar bi proceduri gudizzjarji ohra *ad hoc*.

Xort`ohra hija l-kwistjoni tal-*brand* mal-hajt estern.

U xort`ohra huma atti ohra li jistghu jincidu fuq il-pussess fattwali u materjali tal-ambjenti li llum Airmode ghand l-MIA.

Fl-isfond ta` dak li nghad fl-email a fol 36, Airmode ghandha jedd *prima facie* li titlob il-hrug tal-Mandat sabiex ma tkunx soggetta ghal atti spoljattivi (inkluz fejn jirrigwarda l-*brand* mal-hajt estern tal-hanut) da parti tal-intimati jew min minnhom.

Naturalment mhuwiex il-kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-mertu tal-jedd.

**2) <u>Il-htiega u l-pregudizzju rrimedjabbli tar-rikorrenti</u>**

Fil-provvediment taghha tat-18 ta` Dicembru 2009 fl-atti tar-rikors Nru 1935/09 fl-ismijiet **"<u>Ohanebo et noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija</u>"** din il-Qorti (**<u>PA/JRM</u>**) ippronunzjat ruhha hekk –

*Tqis li l-htiega ghall-hrug ta` Mandat bhal dan tintrabat sewwa ma` l-fatt jekk il-hsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun wahda li ma tistax tissewwa mod iehor. Jekk l-inkonvenjent jew il-hsara lamentat jista` jitnehha, mqar b`decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu, jigi nieqes it-tieni element mehtieg ghall-hrug tal-Mandat.*

(**<u>ara wkoll</u>** : il-provvediment ta` din il-Qorti **<u>PA/AM</u>** moghti fit-2 ta` Jannar 1993 fl-atti tar-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**<u>Borg Grech vs Gasan et noe</u>**").

Dan premess, tajjeb illi jerga` jigi ribadit illi l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali ta` provvediment legali. Il-harsien li l-ligi timmira ghalih fit-talba tar-rikorrent huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli.

Fil-kaz tal-lum, ir-rikorrenti trid illi bil-hrug tal-Mandat tipprevenji t-tigrib ta` atti spoljattivi. Din il-Qorti tghid pero` illi jekk ir-rikorrenti ggarrab att spoljattiv tal-ghamla li indikat fit-talba, il-hsara li tista` ggarrab tista` titwarrab bi procediment gudizzjarju ad hoc fejn l-ilment tar-rikorrenti jkun jista` jigi mistharreg u deciz fil-mertu tieghu. Daqstant iehor din il-Qorti tghid illi bil-fatt illi ma tilqax it-talba ghall-hrug tal-Mandat hemm xi pregudizzju rrimedjabbli ghaliex mhux sejra titlef il-jedd taghha darba ghal dejjem.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti, filwaqt illi qeghda tirrevoka *contrario imperio* d-digriet li tat fil-21 ta` Dicembru 2016 safejn laqghet provvizorjament it-talba ghall-hrug tal-Mandat, qeghda tichad it-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors taghha tal-21 ta` Dicembru 2016. L-ispejjiz ta` dan il-procediment jibqghu bla taxxa.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**